# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 24 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 7.**
**Citazz. Nru. 1153/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

1. **SIMCOL LIMITED, u**
2. **Simon u Charlotte mizzewgin COLEIRO.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Tabone datat 22 ta' April 1994 (Dok "A"),

is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuta socjeta' Simcol Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Simcol Limited fis-somma ta' dsatax-il elf, erba' mija u disgha u hamsin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm19,459.10) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Simcol Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B66") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Tabone datat 22 ta' April 1994 (Dok "A") u fi skrittura privata datata 18 ta' Marzu 1994 (Dok "B") il-konvenuti Simon u Charlotte mizzewgin Coleiro ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Simcol Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Simcol Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 8 ta' Frar 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D" u Dok "E", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Simcol Limited u lil Simon u Charlotte mizzewgin Coleiro jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' dsatax-il elf, erba' mija u disgha u hamsin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm19,459.10) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Simcol Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B66") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Din il-kawza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra l-intimati Simon u Charlotte mizzewgin Coleiro mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra minnhom dovuti, li ghalihom is-socjeta' attrici qed tipprocedi f'istanzi separati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 8 ta' Frar 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tas-6 ta' Lulju, 2000 (fol. 84) u semghet id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti mizzewgin Coleiro maghmula quddiem il-Qorti waqt is-smiegh li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundnna lil Simcol Limited u lil Simon u Charlotte mizzewgin Coleiro jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' dsatax-il elf, erba' mija u disgha u hamsin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm19,459.10) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Simcol Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B66") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 8 ta' Frar 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

*24 ta' Jannar, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**24 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Jannar, 2001.**